MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Numru 1056/2002

**Il-Pulizija**
**(illum Supretendent Paul Camilleri)**

**Vs**

Mario Gauci

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Mario Gauci ta’ karta numru ta’ identita’ 704159(M), akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer bejn id-29 ta’ Lulju 1998 u s-7 ta’ Settembru 2000, ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ dawl elettriku fl-ammont ta’ aktar minn Lm1000 mill-hanut ‘Brittania Centre’ sitwat

gewwa Triq Santa Lucija, il-Belt, ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont;
2. fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gummi wzati fil-provista tal-eletriku jew is-sigilli tieghu;

Il-Qorti mitluba li tapplika wkoll l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom dehrlu li tista tinstab htija jew htijiet fl-imputat.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellix provi ohra;

Semghet ix-xhieda, inkluz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza titratta serq ta' kurrent elettriku aggravat bil-mezz, hin u ammont li jaqbez l-Lm1000. Kwindi, ppruvat il-fatt tal-irregolarita', jigifieri l-mezz qarrieqi li bih jittiehed konsum illegittimament, f'dan il-kaz tal-elettriku, l-prova tirriverti fuq d-detentur tal-fond jew ta' minn ikollu l-kontroll fuq dak il-fond li jkun irid jipprova hu li ma kienx jaf b'dak l-uzu jew konsum illegittimu.

Fil-kaz in disamina m'hemmx kontestazzjoni li l-addetti tal-Enemalta kienu mitluba mill-imputat jew is-socjeta' li fiha huwa direttur sabiex jaghmlu xi xoghol ta' tkabbir f'cable stante li kien rikjest konsum aktar qawwi u efficjenti. Lanqas hu kontestat li l-fond in kwistjoni ghandu sistema ta' 'three phase' u huwa mikri ghand is-socjeta' li fiha l-imutat jirrisulta direttur. Mhux hekk biss, izda l-imputat stess, fl-istqarrija minnu rilaxxjata u konfermata minnu fil-kors tax-xhieda li hu ta quddiem din il-Qorti, stqarr li kien proprju hu li kien jiehu hsieb il-post u kien jiehu hsieb kollox.

Issa l-irregolaritajiet riskontrati, u li fil-fehma ta' din il-Qorti jinsabu pruvati, jikkonsistu filli kien hemm xi sigilli mbaghbsin, senjatament dawk ta' kulur blu tal-'cubicle box' u dawk, ukoll ta' kulur blu, tal-'cover', u aktar serju, li kien hemm qtugh tal-wire tal-phase isfar li suppost kellu jkun issikat fil-'connection' tal-base tal-meter izda ma kienx qieghed jghamel kuntatt u ghalhekk minflokk li l-elettriku kien qieghed jigi registrat fuq it-tlett phases kien qieghed jigi registrat fuq tnejn u ghalhekk terz mill-konsum ma kienx qieghed jigi registrat.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi kien ghalhekk jispetta lill-imputat li jipprova li ma kienx jaf bl-istess u fil-kaz in ezami, ai termini tal-Artikolu 13 tal-Kap 249, li esercita kull diligenza mehtiega. Mill-provi pero', u liema prova l-imputat kien rikjest li jghamel anke fuq bazi tal-probabbli, il-Qorti mhux sodistaffa li l-imputat irnexxilu jehleb l-oneru tal-prova mixhuta fuqu. Ma kienx bizzejjed ghalih li jistqarr li hu ma jifhimx fl-elettriku u li qatt baghbas il-meter. Il-fatt biss li l-konsum illegittimu okkorrra f'tul abbastanza konsiderevoli ta' zmien u li l-kamra fejn kien jinzamm il-meter kienet anka f'okkazzjonijiet frekwenti tinzamm miftuha hi prova sufficjenti fil-fehma ta' din il-Qorti dwar in-nuqqas ta' diligenza manifesta fl-imputat li anke jekk ma kienx jaf seta' facilment, bl-esercizju ta' diligenza, jsir jaf li kien hemm konsum li kien qieghed jittiehed illegalment. Pero' jidher li l-imputat hallas dak li kien dovut li jithallas anka jekk 'minghajr pregudizzju' liema fatt ser jittiehed in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

Illi t-tieni akkuza giet eskluza mill-provi.

Ghalhekk, fuq dak fuq espost, tiddecidi l-kawza billi issib l-imputt hati tal-ewwel akkuza. Rat fir-rigward l-Artikolu 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280, 281, 283 tal-Kap 9 u fic-cirkostanzi anka in vista tal-fedina penali netta qeghdha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 426 tillibera l-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor zmien tlett snin mill-lum.

Tichad it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna l-imputat ghall-hlas tal-ispejjez gudizzjarji stante li dawn gew inkorsi fl-inkjesta dwar l-‘in genere’.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------